MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 144/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2007 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat f'Malta fit-tnejn ta' Frar elf disa' mija tnejn u sebgħin (02/02/1972), liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-Att taż-żwieġ li jġib in-numru mitejn wieħed u erbgħin tas-sena elf disa' mija tnejn u sebgħin (241/1972); Dokument A;

2. Illi minn dana ż-żwieġ twieldu ħamest itfal li llum huma lkoll maġġorenni;

3. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-intimat li rrenda ruħu ħati ta' vjolenza, swat, sevizzi, minaċċi u inġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti martu, u dana *stante* l-problema ta' alkoħol eċċessiv li għandu l-intimat.

4. Illi b'riżultat tal-vjolenza li kienet issofri, ir-rikorrenti ġiet kostretta illi tallontana ruħha mid-dar matrimonjali u tikri post mingħand terzi;

5. Illi r-rikorrenti tixtieq li tissepara *ad mensa et thoro* minn ta' l-intimat u konsegwentement isseħħ ukoll ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom;

6. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll illi jiġi dikjarat li bħala konsegwenza tas-suriferit l-intimat iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

7. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proċeduri permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat id-disgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (09/01/2007) u numerat erbgħa u għoxrin żbarra elfejn u sebgħa (24/2007), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B; liema terminu ġie estiż permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat sitta u għoxrin ta' Marzu ta' l-elfejn u sebgħa (26/03/2007) u numerat ħames mija u tnejn żbarra elfejn u sebgħa (502/2007) Dokument C;

Għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi B għal raġunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u għalhekk tgħaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni ta' l-akkwisti,

okkorrendo bil-ħatra ta' Nutar biex jippubblika l-att pubbliku u kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi;

3. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u tordna lill-intimat sabiex iħallas l-istess manteniment;

4. Tiddikjara illi r-rikorrenti għandha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali u ċioe' ________________________ *(address)*, ad esklużjoni ta' l-intimat;

5. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti s-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u dana bħala konsegwenza tal-ħtijiet manifesti ta' l-intimat fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata u kwindi huwa kontumaċji skond il-liġi;

Rat is-sentenza tagħha tal-21 ta' Novembru 2008 li permezz tagħha ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Rat l-affidavits preżentati mill-attriċi fosthom ta' l-istess attriċi;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Awissu 2007 li permezz tiegħu l-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' ħamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar bħala manteniment lill-attriċi;

Rat id-digriet tagħha tat-25 ta' Frar 2008 li permezz tiegħu innominat lill-Avukat Dottor Elena Naudi Depasquale bħala assistenta ġudizzjarju biex tisma' l-provi, u r-rapport tal-verbali tas-seduti li saru quddiemha;

Rat l-istima *ex-parte* tad-dar matrimonjali kif valutata mill-perit tekniku l-AIC Mario Cassar a fol 65 tal-proċess;

Semgħet lill-Avukati ;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Eżami anke superfiċjali tal-provi juri biċ-ċar illi l-attriċi għandha raġun titlob is-separazzjoni, u wieħed ma jistax ma jissimpatiżżax magħha għas-sofferenzi li għaddiet minnhom minħabba l-aġir ta' żewġha matul il-perjodu taż-żwieġ. Il-lanjanzi li hija semmiet fir-rikors promotur ġew kollha pruvati u biżżejjed wieħed jara li huwa tista' tgħid mill-ewwel ma kienx fidil lejha u kkawża wġiegħ kemm lilha u kemm lil uliedhom li illum fortunatament huma adulti.

**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

L-ass principali tal-komunjoni hija d-dar konjugali _______________________ *(address)* illi ġiet smtata li tiswa tliet mija u erbatax-il elf Ewro (€314,000) mill-espert tekniku u għalhekk anke fuq ix-xewqa ta' l-attriċi jkun aħjar li tinbiegħ biex jinqasam ir-rikavat ħalli l-partijiet ikunu jistgħu jibdew ħajja ġdida. Il-konvenut biegħ vettura fil-mori tal-kawża u żamm il-prezz għalih u għalhekk il-Qorti se tassenja lill-attriċi l-oġġetti ndikati minnha a fol. 79 biex jagħmlu tajjeb għal dan. Hija għandha dritt ukoll għar-ritorn ta' l-oġġetti parafernali ndikati a fol 80.

Ma nġabu ebda provi rigward proprjetajiet oħra. Biss il-Qorti se tipprovdi biex jekk hemm xi kontijiet bankarji dawn jinqasmu bin-nofs.

**MANTENIMENT**

Fil-bidu tal-kawża l-Qorti ordnat ħlas ta' manteniment ta' ħamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar. Il-Qorti, billi ma jidhirx li kien hemm xi tibdil se tordna għalhekk li dan isir mija u

għoxrin Ewro (€120) fix-xahar biex is-somma tinqata' għad-dritt *stante* l-bdil tal-valuta.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi;**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti tort tal-konvenut;**

**2. Ittemm u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u dan billi tordna l-bejgħ tal-proprjeta' ________________________ *(address)* taħt l-awtorita' tal-Qorti, u għall-fini tal-liġi il-prezz indikat ikun dak ta' tliet mija u erbatax-il elf Ewro (€314,000), bir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, u l-konvenut għandu jiżgombra mid-dar imsemmija fi żmien xahar mil-lum biex jiġu evitati problemi għall-bejgħ; l-attriċi għar-raġunijiet imsemmija ġia' għandha tiġi assenjata l-oġġetti ġia' formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ċioe' żewġ kmamar tas-sodda, is-sett konsistenti f'vetrina żgħira u żewġ gastri, senduq żgħir u mejda b'żewġ kxaxen żgħar, żewġ imwejjed (waħda nofs tond u l-oħra kwadra), gradenza bil-fjuri, *corner* fit-taraġ, *refrigerator* u *chest freezer*, *washing machine*, sett inkwatri fit-taraġ, posambrella u l-inkwatri ta' ħdejha, sett tal-borom u kurċifiss; tordna ukoll li tiġi restitwita l-oġġetti parafernali ndikati fil-fol. 80 u ċioe' żewġ linef u tlett fanali, mejda tonda, żewġ gradenzi antiki, żewġ ġarar, pultruna kannella, makna tal-ħjata antika u mera tal-ħadid, *dinner set* ikħal, palma u sett frames bil-fjuri; il-kumplament ta' l-affarijiet mobbli d-dar assenjati lill-konvenut; kull kont bankarju jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;**

**3. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' mija u għoxrin Ewro (€120) fix-xahar *rebus sic standibus*; tordna lill-*employer* tal-konvenut jew id-direttur tas-Sigurta' Soċjali jibgħat direttament dan il-manteniment lill-attriċi billi jaqtgħu mill-paga tiegħu jew pensjoni jew mill-benefiċċji li qed jirċievi;**

**4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba minħabba dak li ġia' ġie deċiż;**

**5. Tilqa' l-ħames talba.**
**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------